**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-Ġimgħa 7 ta' April 2017**

**Appell Nru: 628/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**Carmel Galea**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Carmel Galea, detentur tal-karta tal-Identita Maltija bin-nurmu 47956G, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

> Fit-22 ta' Lulju 2016 għal habta tas-2.30p.m. fl-NGO Centre, Xewkija, Għawdex;
>
> 1. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju;
>
> 2. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Dr. Mario Xerri I.D. 18959G;

3. Bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil Dr. Mario Xerri I.D. 18965G jibża' li se tintuża vjolenza kontra tiegħu jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta' xi ħadd mill-axxindenti, dixxindenti, aħwa jew familjari ohra tiegħu;

4. Naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn PS820 Jonathan Vella, uffiċċjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tiegħu jew ma ħalliex jew fixkel jew indaħal lill-imsemmi uffiċċjal waqt il-qadi ta' dmirijietu;

5. U aktar talli nġurja jew hedded jew għamel offiża lil Dr. Mario Scerri, persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-22 ta' Dicembru, 2016, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 338(dd), 338(ee), 339(1)(e), 251B(1) u 95 ma sabitx l-imputat ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni u minnha illiberatu, sabitu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u kkundannatu sitt (6) xhur priġunerija u multa komplessiva ta' elfejn ewro (€2,000).

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmel Galea, preżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti nhar it-28 ta' Dicembru, 2016, li bih talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonferma dik il-parti fejn huwa ġie lliberat mill-ewwel imputazzjoni iżda thassar dik il-parti fejn gie misjub ħati tal-imputazzjonijiet kollha l-oħra rimanenti u fejn gie kkundannat għal sitt xhur priġunerija u multa ta' elfejn ewro (€2000) u minflok tilliberah minn kull ħtija u piena.

**4.** Rat l-atti kollha tal-każ inkluż id-dokumenti kollha esibiti, semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**5.** Il-fatti allegati tal-każ jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fit-22 ta' Lulju 2016 fl-NGO Centre fix-Xewkija Għawdex kienet qed tinżamm seduta tat-traffiku (ċitazzjonijiet) quddiem it-tribunal li kienet preseduta mill-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr. Mario Scerri LL.D. Dakinhar kien hemm quddiem it-tribunal ħames ċitazzjonijiet kontra l-imputat Carmel Galea meta f'ħin minnhom l-imputat beda jargumenta, għolla leħnu u anki hedded lill-Kummissarju tal-Ġustizzja u dan baqa għaddej minkejja li ġie ammonit aktar minn darba kemm mill-Kummissarju kif ukoll minn uffiċjal tal-pulizija sabiex jiddeżisti.

**6.** L-aggravji tal-appellant fil-qosor huma kif ġej:

1. Illi l-proċess quddiem l-ewwel Qorti kien vizzjat u konsegwentement il-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti u s-sentenza appellata għandhom jiġu annullati minħabba diversi irregolaritajiet proċedurali serji li jindikaw preġudizzju fil-konfront tal-imputat bil-konsegwenti leżjoni tad-dritt tiegħu għal smiegh xieraq minn Qorti indipendenti u mparzjali u dak tal-presunzjoni tal-innoċenza kif ukoll minħabba li l-ewwel Qorti naqset milli tassigura ruħha mid-difiża adegwata tal-imputat appellant f'kull stadju tal-proċeduri kontra tiegħu kif inhi obbligata illi tagħmel a tenur tal-artikolu 519 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
2. Illi l-ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni u/jew applikazzjoni skorretta jew inkompleta tal-Liġi li wasslet sabiex l-imputat jinstab ħati tal-imputazzjonijiet, 2, 3, 4 u 5 għaliex wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali u/jew "kostruttivi" tar-reat/i kien manifestament nieqes;
3. Illi l-ewwel Qorti qatt ma setgħat legalment u raġonevolment issib ħtija dwar l-imputazzjonijiet numru 2, 3, 4 u 5 a bażi tal-provi prodotti;
4. Illi l-piena nflitta kienet manifestament esagerata u sproporzjonata u żgur li ma tagħmilx tajjeb ghall-fatti u ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.

Ikkunsidrat,

**7.** In-kwantu għall-ewwel aggravju l-appellant jilmenta mill-fatt li fil-kors tal-poċeduri quddiem l-ewwel qorti saru diversi irregolaritajiet proċedurali li ssarfu f'nuqqas ta' smigħ xieraq minn qorti imparzjali u indipendenti u leżjoni tad-dritt tiegħu għall-preżunzjoni tal-innoċenża. Huwa jilmenta wkoll mill-fatt li wara li l-avukat tiegħu irrinunzja għall-patroċinju tiegħu l-ewwel qorti naqset milli tassiguralu difiża adegwata kif previst fl-artikolu 519 tal-Kodiċi Kriminali.

**8.** Fir-rikors tiegħu tal-appell l-appellant jonqos milli jindika x'kienu ċ-ċirkostanzi li wasslu għal-leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq u għall-ksur tal-preżunzjoni tal-innoċenza iżda fil-kors tat-trattazzjoni orali huwa għamel tajjeb għal dan in-nuqqas u semma diversi ċirkostanzi. Huwa semma li l-Maġistrat li ppresjeda fl-ewwel istanza kien kontinwament jintervjeni waqt is-smigħ tax-xhieda b'mod li juri animosita' lejn l-imputat u *bias* kontra tiegħu. Hekk jaċċenna għall-intervent tal-Maġistrat waqt il-kontroeżami tax-xhud PS 820 Jonathan Vella li kien qiegħed jixhed dwar il-passi dixxiplinari li ttieħdu kontra tiegħu fuq rapport tal-imputat. Mit-traskrizzjoni tax-xiehda tas-surġent jirriżulta li l-Maġistrat ikkumenta "Illi flok nagħtu protezzjoni lill-uffiċċjali tal-pulizija li jipproteġu lis-soċjeta', insibu lilhom imbagħad ħatja ta' xi ħaġa! Wasalna f'dan l-istat?".

**9.** Waqt id-depożizzjoni tal-imputat, imbgħad, il-Maġistrat intervjena aktar minn darba u saħansitra fil-bidunett tal-eżami tiegħu appena x-xhud beda billi qal "Qabel nieħu l-ġurament Sur Maġistrat –" il-Maġistrat minnufih intervjena bruskament u rrabjat billi qal lill-imputat "Ħu l-ġurament! Ma tagħmillix kundizzjonijiet hawn! Proċedura! COCP! Kapitlu 12! U l-Kodiċi Kriminali." Ftit aktar tard kien hemm l-iskambju segwenti bejn l-imputat u l-Maġistrat li intervjena fil-kors tal-eżami tal-imputat:

"Ix-xhud: "Għedtlu, Jiena ġia irrappurtajtek lill-Ministru għall-irregolaritajiet li inti qiegħed -

"Il-Qorti: Issa irrapporta lili ukoll. Ikteb. Kompli.

"Ix-xhud: Komplejt ngħidlu. Imbagħad tani l-massima.

"Il-Qorti: Jien tista' ġġib il-Kabinett kollu hawn, il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Oppożizzjoni kollha, il-Partit Demokratiku, il-Partit tal-Patrijotti għax jiena ma jinfluwenzani ħadd! Dak ma kellikx dritt tkellmu hekk.

"Ix-xhud: Kelli , kelli dritt għax jiena ġia –

"Il-Qorti: Le, ma kellikx. Inti ġib avukat u jitkellem l-avukat."

U aktar tard kien hemm dan l-iskambju ulterjuri:

"Ix-xhud: Jiena d-darba li ġejja peress li għadu ma tneħħiex, ma nbidilx, iva, jiena ħa nerġa nidher quddiemu u m'għandix fiduċja fih allura mhux ħa nidher iktar quddiemu, ikollu jagħmel xi ħaġa l-Ministru tal-Ġustizzja.
"Il-Qorti: Ehe, issa wara s-sentenza li nagħti llum ikollu l-Ministru tal-Ġustizzja meta ntiha. U lejliet il-Milied ħa ntiha fit-22. Iktar? Kompli."

**10.** Mill-atti jirriżulta li sal-aħħar tax-xiehda tiegħu l-imputat kien assitit mill-avukat tiegħu li baqa' jassistih sa x'ħin spiċċa l-kontroeżami tiegħu tant li meta l-Qorti saqsiet hemmx xi mistoqsija oħra jew ri-eżami l-avukat tal-imputat jirriżulta li wieġeb "Le, le, xejn".

**11.** Fil-fatt mill-verbali tas-seduta li fiha xehed l-imputat jinsab reġistrat li ġej:

"Kontro-eżami.

"F'dan l-istadju Dr. Alfred Grech qed jirrinunzja għall-patroċinju tal-imputat minħabba l-komportament tal-imputat fl-awla u diffikulta' biex jikkomunika miegħu.

"Il-Qorti tiddikjara l-provi magħluqa stante li din hija kawża sommarja u x-xhud li l-imputat Galea jrid iġib jixhed fil-kawża mhuwiex rilevanti għal din il-kawża għaliex tirreferi għal allegati fatti li ġraw wara dan l-inċident fejn is-Surġent tal-Pulizjia PS820 Jonathan J. Vella li kien qed iwettaq dmirijietu spiċċa rraportat hu talli huwa ħa passi kontra reati li wettaq l-imputat. Dwar il-fatt li min wettaq

xogħlu biex jipproteġi s-soċjeta’ ttieħdu passi fil-konfront tiegħu, il-Qorti se tesprimi ruħha fis-sentenza.

“Il-Qorti semgħet  sottomissjonijiet:

- Da parti tal-Prosekuzzjoni  (Spettur Bernard Charles Spiteri);
- Sottomissjonijiet da parte tal-imputat Carmel Galea
- Il-kawża tibqa’ differita għas-sentenza għal nhar il-Ħamis, 22 ta’ Diċembru 2016 fid-9.00 am.
- L-imputat qed jiġi notifikat seduta stante bid-differiment”

**12.** Mill-premess jidher ċar li kien hemm numru ta’ interventi da parti tal-ġudikant li ppresjeda fl-ewwel istanza li xejn ma kienu konsiljabbli għaliex jimmanifestaw nuqqas ta’ temperenza u saħansitra dak li jista’ jiġi perċepit bħala animosita’ u anki *bias* kontra l-imputat appellant da parti tal-istess ġudikant, anki jekk l-interventi u l-kummenti tiegħu setgħu ġew xprunati mill-imġieba tal-imputat kemm waqt u wara l-inċident inkriminat kif  ukoll waqt ix-xiehda tal-imputat quddiem il-qorti. Di fatti l-imġieba tal-imputat fl-Awla kienet tali li wasslet lill-avukat difensur tal-imputat sabiex jirrinunzja għall-partroċinju tiegħu u wasslet ukoll għal nuqqas ta’  possibilita’ ta’ komunikazzjoni bejn l-imputat u d-difensur tiegħu kif jirriżulta mill-verbal quddiem l-ewwel qorti tas-6 ta’ Diċembru 2016.

**13.** In kwantu għall-fatt li fi stadju inoltrat tal-proċeduri fil-prima istanza l-imputat spiċċa mingħajr avukat difensur, anki jekk dovut għall-imġieba tiegħu stess, għandu jingħad li mill-atti ma jirriżultax li l-imputat f’xi mument espressament talab lill-Qorti sabiex tagħtih żmien sabiex iqabbad avukat ieħor jew sabiex il-Qorti tinkariga avukat sabiex jassistih. Li jirriżulta hu li l-imputat għamel huwa personalment is-sottomissjonijiet in difesa tiegħu nnifsu. Il-Qorti qiegħda tippreċiża dan kollu mhux għaliex hi sodisfatta  bil-mod kif is-sitwazzjoni  ġiet ġestita

mill-ewwel qorti iżda sabiex tippuntwalizza ċ-ċirkostanzi u l-kuntest ta' kif ġraw l-affarijiet. Din il-Qorti kienet tkun aktar serena li kieku fil-mument li l-avukat difensur irrinunzja għall-patroċinju tal-imputat l-ewwel Qorti hi stess espressament interrogat lill-imputat sabiex tara riedx li jinkariga avukat ta' xelta tiegħu jew riedx lill-Qorti tinkarigalu avukat.

**14.** B'danakollu ir-rimedju għan-nuqqasijiet fl-ewwel istanza li ġew rilevati mid-difiża f'dan l-aggravju mhuwiex li l-proċediment jew is-sentenza appellata jiġu annullati, għaliex il-proċedura ta' l-appell hija proprju intiża sabiex tirrimedja għal nuqqasijiet bħal dawn[1]. In-nuqqasijiet msemmija mid-difiża ma jammontawx għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jwasslu għat-tħassir tas-sentenza skont l-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali, f'liema eventwalita' din il-Qorti kienet tkun obbligata bil-liġi li wara li tħassar is-sentenza appellata tiddeċiedi l-kawża fuq il-mertu. F'din l-istanza n-nuqqasijiet li minnhom ilmenta l-appellant ġew rimedjati kemm għaliex l-imputat kien il-ħin kollu assistit minn difensur abbli kemm għaliex ma sar ebda lment mill-appellant legalment assistit ta' *bias* jew preġudizzju fil-konfront tal-ġudikant li ppresjeda l-appell. Anqas saret xi talba mill-appellant għall-produzzjoni ta' xi prova in difesa li xtaq jipproduċi u li ġie ostakolat milli jipproduċi fl-ewwel istanza.

**15.** Għaldaqstant dan l-ewwel aggravju qiegħed jiġi respint.

**16.** It-tieni u t-tielet aggravju huma relatati ma xulxin u għalhekk ser jiġu kunsidrati flimkien.

**17.** Fit-tieni aggravju ma ġie speċifikat xejn dwar l-element jew elementi tar-reati fl-imputazzjonijiet 2 sa 5 li allegatament irriżultaw "manifestament nieqsa" u għalhekk dan l-aggravju ser jiġi kunsidrat flimkien mat-tielet aggravju tal-appellant li hu fis-sens li l-ewwel Qorti ma

[1] App. Inf. P v Joseph Falzon, 10/6/1994

setgħetx legalment u raġonevolment issib ħtija dwar l-imputazzjonijiet 2 sa 5 a bażi tal-provi prodotti peress li dan l-aħħar aggravju jirrikjedi eżami tal-provi prodotti sabiex il-Qorti tistabilixxi jekk dawn kienux tali li a bażi tagħhom l-ewwel Qorti setgħet raġonevolment issib il-ħtija li rriskontrat fl-imputat appellant.

**18.** Dwar ix-xorta ta' aggravju involut fit-tielet aggravju l-gurisprudenza ta' din il-Qorti hi cara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

**19.** Ix-xhud PS 820 Jonathan J. Vella ddepona fl-affidavit tiegħu li meta fit-22 ta' Lulju 2016 kien qiegħed jinstema' l-każ tal-imputat quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr. Mario Scerri l-imputat f'ħin minnhom beda jargumenta, jgħajjat u jhedded verbalment lill-istess Dr. Mario Scerri u l-istess xhud ordna lill-imputat biex jiskot aktar minn darba. PS 820 kompla jixhed li f'ħin minnhom l-imputat indirizza lejn Dr. Mario Scerri l-kliem "issa tkun taf int", "Issa naraw", "imbgħad tkun taf" u "tiegħek għada ġejja" u għalkemm il-Kummissarju tal-Ġustizzja sikket aktar minn darba lill-imputat dana baqa' għaddej.

**20.** Fil-kontroeżami PS 820 xehed li dakinhar kien preżenti unikament sabiex jikkonsenja xi affidavits lill-prosekuzzjoni peress li hu ma kellu x'jaqsam xejn mal-każ. Huwa rripeta sostanzjalment dak li kien iddepona fl-affidavit tiegħu u ppreċiża li l-imputat beda jgħajjat u huwa stenna li l-Kummissarju ser isikktu u meta l-Kummissarju ma sikktux allura sikktu huwa stess iżda għalxejn u hawn intervjena wkoll il-Kummissarju li wkoll sikkett lill-imputat iżda wkoll għalxejn. Dr Mario

Scerri imbgħad ordna li jittieħdu l-*particulars* tal-imputat sabiex jitressaq il-Qorti fuq it-theddid li l-imputat kien indirizza lejh.

**21.** L-imputat kompla bl-għajjat anki wara li ħareġ mis-sala fejn kienet qed issir is-seduta u x-xhud PS820 ħareġ biex jara kienx hemm bżonn l-assistenza tiegħu u biex ikellmu bil-kelma t-tajba ħalli jimxi skont il-liġi u ma jkollux għalfejn jersaq ‘l hemm. Hawn l-imputat qal lix-xhud li ser jirrapportah għax kien qiegħed jheddu. Ix-xhud ċaħad kategorikament li huwa f’xi ħin qal lill-imputat li kien ħa jmur u jkaxkarlu kull ma hemm u li ħa jeħodlu kull ma għandu jew xi diskors simili. Meta x-xhud mar l-għassa hemm sab lill-imputat li kien qiegħed jagħmel rapport kontra x-xhud u f’hin minnhom l-imputat qal lix-xhud “Tridx tiġi tittowjali l-karozzi ukoll?” u x-xhud wieġbu “Jekk ikun hemm bżonn nittowjaw nittowjaw.”

**22.** Ix-xhud PC 510 W. Said ukoll ddepona fl-affidavit tiegħu li waqt li kienet għaddejja s-seduta quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr. Mario Scerri l-imputat beda jgħajjat u jirrispondi lill-Kummissaru li aktar minn darba qallu joqgħod kwiet u biex ma jirrispondix bħal ma għamel ukoll PS 820 iżda kien kollu għalxejn għaliex l-imputat baqa’ bl-istess attitudini. Fil-kontroezami x-xhud ma żied xejn sostanzjali ma dak li ddepona fl-affidavit tiegħu.

**23.** Xehdet ukoll Georgina Gauci li hija r-reġistatur tat-Tribunal li ddeponiet li waqt is-seduta fit-22 ta’ Lulju hija ġiet mistoqsija mill-imputat x’kien weħel u hija weġbitu li kien weħel ta’ tlieta u ġie liberat minn tnejn u nformatu dwar il-multa li weħel għal kull waħda. Hawnhekk l-imputat beda jgerger u jgħid li “Din mhux ser tispiċċa hawn” u beda jhedded lill-Kummissarju, li kien preżenti, u jgħidlu “Tiegħek għadha ġejja! Mhux ser tieqaf hawn!” Żiedet tgħid li l-imputat kien irrabbjat. Fil-kontroeżami x-xhud wieġbet li l-imputat beda jgerger għaliex kien qala’ l-multi.

**24.** Minn naħa tiegħu l-imputat xehed li dak kollu li xehdu l-pulizija kien gideb u żeblih tal-ġurament u li hu ma jaċċettax dan iż-żebliħ. Dwar dak li ġara fid-data tal-inċident huwa xehed li persuna kienet ġiet illiberata mill-Kummissarju Dr Mario Scerri u allura huwa talab lill-Kummissarju biex lilu jagħtih il-minimu u mhux il-massimu u meta l-Kummissarju wieġbu li huwa ma kienx jikkmandah kif jiġġudika huwa rrisponda lill-Kummissarju li kien ġia rrapurtah lill-Ministru u allega li imbgħad il-Kummissarju tah il-massima. Huwa ċaħad li b'xi mod kien għajjat u anzi xehed li kien prudenti. L-imputat imbgħad għadda biex jirrakkonta x'kien ġara barra s-sala u x'ġara meta mar l-għassa jirrapporta lis-Surġent 820. Xehed li x'ħin kien barra s-sala s-Surġent Jonathan mar fuqu u qallu li quddiem is-showroom m'għandu xejn sewwa u li kien ser imur iwittih u hawn l-imputat qal lil PC 510 William Said li s-surġent kien qiegħed jheddu u li kien ser imur jirrappurtah u qallu li "inti xhud".

**25.** Fix-xhieda tiegħu l-imputat kategorikament ċaħad li qal xi diskors ta' theddid lill-Kummissarju Dr. Mario Scerri u sostna li dak li kien qallu kien biss li kien ġia rrapportah u li ħa jerġa jirrapportah u ssokta jgħid li peress li Dr. Mario Scerri ma kienx inbidel u ma tneħħiex huwa ma kienx ser jidher quddiemu għaliex mgħandux fiduċja fih u jkollu jagħmel xi ħaġa l-Ministru tal-Ġustizzja. Huwa sostna li fis-sala kien dejjem kalm u li qatt ma għajjat.

**26.** Tenut kont ta' dan l-istat tal-provi din il-Qorti ma ssibx raġunijiet biżżejjed sabiex tiddipartixxi mill-apprezzament u mill-konklużjonijiet raġġunti mill-ewwel Qorti dwar ir-raba' u l-ħames imputazzjoni u anzi tikkondividihom. Il-Qorti ma ssib ebda raġuni sabiex ma tagħtix affidament lix-xhieda ta' PS 820 Jonathan J. Vella u PC 510 W. Said tenut kont tal-fatt li ma rriżultat ebda raġuni għaliex dawn ma jgħidux il-verita' u partikolarment tenut kont tal-fatt li x-xhieda tagħhom hija

korroborata bix-xiehda tar-registratur tat-tribunal Georgina Gauci. Minn naħa l-oħra din il-Qorti ssib il-verżjoni tal-imputat dwar x'ġara fis-sala għal kollox inverosimili u jimmanifesta disprezz lejn l-awtorita' mhux biss ta' awtorita' ġudikanti iżda anki tal-forzi tal-ordni u, minflok iħalli lilu nnifsu jiġi ggwidat minn persuni li għandhom il-ħila neċessarja bħall-avukati, iħalli lilu nnifsu jintrikeb mill-passjoni u mir-rabja.

**27.** In kwantu għall-kontravvenzjoni imputata fit-tieni imputazzjoni din tirreferi għal inġuriji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kodiċi Kriminali u għalhekk, peress li din il-Qorti ser tikkonferma l-ħtija għall-inġuriji jew theddid taħt il-ħames imputazzjoni taħt l-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali jiġi li l-ingredjenti tar-reat fit-tieni imputazzjoni ma jirriżultawx u l-appellant irid jiġi liberat ukoll mit-tieni imputazzjoni.

**28.** In kwantu għat-tielet imputazzjoni li evidentement tistrieħ fuq l-artikolu 251B, iżda, l-appellant għandu raġun u ma jirriżultax li ġew ippruvati l-ingredjenti kollha tar-reat addebitat lill-imputat. Di fatti din il-Qorti ilha sa mill-ewwel sentenzi tagħha[2] dwar ir-reat taħt l-artikolu 251B(1) tal-Kodiċi Kriminali li stabbiliet inekwivokabilment li inċident wieħed ma jammontax għal *course of conduct* jew "mġieba" skont dak l-artikolu. Din il-ġurisprudenza ġiet anki riaffermata riċentement fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet "P v Walid Salah Abdel Motaleb Mohamed" tas-16 ta' Diċembru 2016.

**29.** Dak li jirriżulta mill-imputazzjoni u anki mill-provi prodotti, iżda, hu li l-għemil li bih jinsab imputat l-appellant fit-tielet imputazzjoni avvera ruħu f'okkażżjoni waħda u għalhekk l-elementi tar-reat fit-tielet imputazzjoni ma jirriżultawx u għalhekk l-appellant ser jiġi liberat minn din l-imputazzjoni.

[2] Ara per eżempju App Il-Pulizija v Raymond Parnis, 24/4/2009; ara wkoll Il-Pulizija v Brian Micallef, 14/10/2011 #17

**30.** In kwantu għar-raba’ aggravju dwar il-piena, peress li din il-Qorti ma hix qed issib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni, din il-Qorti neċessarjament trid tirrikalibra l-piena fid-dawl tal-premess.

Għall-motivi premessi din il-Qorti tilqa’ in parti l-appell tal-imputat appellant Carmel Galea u tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha fejn sabet lill-imputat ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni u minflok ma ssibux ħati ta’ dawk l-imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, u tħassarha wkoll fejn ikkundannatu għall-piena ta’ sitt (6) xhur priġunerija u multa komplessiva ta’ elfejn euro (€2000) u minflok tikkundannah għall-piena ta’ priġunerija għal żmien xahar u multa ta’ elf u ħames mitt euro (€1500), u tikkonfermha fil-bqija.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur